MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 324/2007

**P.L. Noel BIANCO**

**vs**

**Evelyn GRECH SANT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Marzu, 2007, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrent talab li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u (b) tordna lill-intimata biex, fiż-żmien qasir u perentorju li l-istess Qorti jogħġobha tipprefiġġi, toħroġ mill-fond numru erbgħa u sittin (64), Triq Parades, San Pawl il-Baħar, liema fond hija qegħda tokkupah mingħajr titolu li jiswa; (ċ) tikkundanna lill-istess intimata biex tħallsu s-somma ta' elf tmien mija u ħmistax-il lira Maltija (Lm 1,815) rappreżentanti ta' kera għall-okkupazzjoni tal-imsemmi

fond u (d) tikkundanna lill-intimata tħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimata, flimkien mal-Avviż tas-Smigħ bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, iżda l-intimata naqset li tidher biex twieġeb għat-talbiet magħmulin kontriha mill-attur, u b'hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet lill-avukat tar-rikorrent;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Għal dawn ir-raġunijiet u fil-kontumaċja tal-intimata, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent** kif dedotti fir-Rikors Maħluf, bl-ispejjeż kontra l-intimata, u qegħda (i) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ; (ii) tikkundanna lill-intimata tħallas lill-attur is-somma ta' elf, tmien mija u ħmistax-il Lira Maltija (Lm 1815) u (iii) tordnalha toħroġ mill-imsemmi fond li hi qegħda tokkupa bla jedd, b'dan illi għall-finijiet tat-talba dwar l-iżgumbrament, l-intimata qegħda tingħata żmien sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru, 2007, biex toħroġ mil-post, wara liema żmien l-attur huwa minn issa awtorizżat li jieħu l-passi kollha meħtieġa skond il-liġi biex jieħu lura f'idejh il-fond mertu tal-każ.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------